**2 ta' Novembru, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Carmelo Bezzina et

*versus*

Emmanuele Cutajar et

**Sensal — Serviġi ta' Medjazzjoni — Kumpens.**

*Sensal m'għandux dritt għall-ebda kumpens għas-serviġi ta' medjazzjoni jekk dawn jinduċu ruħhom sempliċement għall-għoti ta' nformazzjoni li sid tal-post ikun dispost jasal f'xi ftehim dwar dan il-post b'tant kuljum.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew li b'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut tal-14 ta' Novembru, 1962 (Dok. A hemm anness) il-konvenuti aħwa Cutajar ikkonċedew lill-konvenut Grima l-fond bla numru f'National Road, Blata l-Bajda l-Ħamrun, deskritt f'daka l-att b'titolu ta' subenfitewsi temporanea għal 17-il sena versu s-sub-ċens ta' £1095, u li dina l-operazzjoni saret bis-serviġi u medjazzjoni prestati minnhom stess talbu li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti li jmissu — l-konvenuti jiġu kkundannati flimkien u in solidum iħallsuhom dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti bħala kumpens lilhom dovut għall-medjazzjoni minnhom prestata. Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Diċembru, 1962;

Omissis:

Illi l-atturi qegħdin jippretendu kumpens għas-serviġi ta' medjazzjoni prestati minnhom in konnessjoni mal-konċessjoni subenfitewtika li l-konvenuti Cutajar għamlu lill-konvenut Grima; da parti tagħhom dawn qegħdin jinnegaw li l-istess konċessjoni saret b'dina l-opra tal-atturi;

Illi meta xehdu l-atturi semmew li huma, bħala sensala, kieku akkompanjaw lill-konvenut Grima fuq il-post in kwistjoni, meta fetħilhom il-konvenut Emmanuele Cutajar; ma jaqblux preċiż bejniethom dwar min semma l-kumpens li s-sid ried però jaqblu li ma ssemmiex jekk kienx b'kera jew ċens u li l-konvenut Grima, għalkemm il-post għoġbu, wera

li ma kienx jiflaħ għalih tant li l-anqas ma ried jagħmel kontro-offerta. Żiedu qalu li huma wrew postijiet oħra lill-istess Grima li però ma għoġbuhx (huma jgħidu għaliex qal li ma kienux adatti biex juri l-oġġetti tan-negozju tiegħu) u mbagħad, wara xi għaxar xhur, saru jafu li sar l-att in kwistjoni u ppretendew li jiġu kompensati għax-xogħol li kienu taw. Dana x-xogħol, kif jirriżulta mill-fatti reċitati, kien jikkonsisti biss filli marru ma' Grima fuq il-post u li hemm filpreżenza ta' Emmanuele Cutajar b'xi mod issemma l-kumpens li ried is-sid bħala rata ta' kuljum (£1.5s.0d.) għallisfel, u £2.5s.0d. għall-fuq) bla ndikazzjoni tat-titolu, i.e. hux kera jew ċens; b'mod partikolari jingħad li l-attur mhux biss ma kienux preżenti meta sar il-ftehim dwar it-titolu u r-rata tal-konċessjoni u l-kondizzjonijiet oħra tagħha iżda wkoll li wara dik l-ewwel unika okkażjoni li ssemmiet qatt ma ppruvaw ilaqqgħu lill-konvenuti jew kellmu lil xi wieħed minnhom b'referenza għad-diskors li kien sar dak in-nhar; l-attur Bezzina anzi qal (fol. 21) li wara dik in-nhar hu ħa nies oħrajn għand Cutajar dwar dana l-post però qatt ma ntlaħaq ftehim fuqu;

Illi da parti tiegħu l-konvenut Grima jgħid li hu kien jaf minn qabel bil-post in kwistjoni iżda jammetti li mar jarah mal-atturi, bħala sensala; iżda iżid li dak iż-żmien dak il-post ma kienx jgħodd għan-negozju li kellu u beda hekk jgħodd wara żmien sew meta huwa avviċina lill-konvenuti Cutajar direttament u wasal fil-ftehim magħhom (wara li dawn ma mexxilhomx jikkonkludu ftehim li kellhom ma' Dipartiment Governattiv) mingħajr ma ħadu parti l-atturi. Jiġi hawn notat, b'riferenza għal dina x-xhieda tal-konvenut Grima li wieħed għandu u jista' joqgħod fuq dik li ġiet minnu konfermata t-traskrizzjoni relativa (fol. 52/53) u mhux fuq l-oħra li ma ġietx hekk konfermata (fol. 65/67) għalkemm sostanzjalment din tikkonferma lill-preċedenti.

Illi hija x-xhieda tal-atturi u tal-konvenut Grima, li saret riferenza għaliha, li l-iżjed tixħet dawl fuq dak li ġara u li fuqha kwindi trid tiġi solvuta l-kwistjoni odjerna; infatti dik ta' l-oħrajn tagħti biss dawl indirett u ċioè ta' Anthony Mifsud, ta' Luigi Gauci u tal-konvenut Giuseppe Cutajar. Minn dina x-xhieda kollha l-unika konklużjoni li tista' tinġibed hi li meta l-atturi ħadu lill-konvenut Grima jara l-fond dana ma nteressax ruħu fih (ara wkoll diskors li x-xhud Mifsud qal li rriferilu l-attur Calleja dwar dik il-viżita fil-25 fin-nofs) — huwa kważi ndifferenti jekk hux għax għoli wisq jew għax mhux adatt għal-iskop tiegħu — u in vista ta' dan l-atturi ma nteressawx ruħhom iżjed u ma ppruvawx jaraw ilaqqgħux lill-konvenuti dwar xi ftehim fuq il-post; ċertament dawna l-fatti jeskludu mill-ewwel u għal kollox il-figura tas-sensal proprju u se mai iħallu l-kamp għas-serviġi. Meta però jiġi kunsidrat li bejn dik l-unika viżita fuq il-post u l-konklużjoni tal-ftehim għaddiet kważi sena (l-atturi jsemmu ċirka għaxar xhur) jew forsi iżjed ukoll (il-konvenut Grima semma sena u nofs) u li fil-frattemp l-atturi stess urew postijiet oħra lil dana Grima u l-attur Bezzina wera l-istess post lill-ħaddieħor mentri da parti tagħhom il-konvenuti Cutajar kienu qegħdin jittrattaw ftehim ma' ħaddieħor dwar dan il-post in kwistjoni, huwa diffiċili li wieħed jikkonutti dik il-viżita jew laqgħa *oriġinali mal-konklużjoni tal-ftehim, neħħi forsi li kienet f'dik* l-ewwel okkażjoni li l-konvenut Grima sar jaf bil-post; qiegħed jingħad forsi għax hu jgħid li kien jaf bih. Anke però kieku kellu jiġi konċess li l-konvenut Grima sar jaf bil-ħanut bl-opra tal-atturi f'dik l-okkażjoni preordinata għall-konklużjoni ta' ftehim dik in-nhar bl-intromissjoni tagħhom u dana l-ftehim ma seħħx u ġie tronkat u kwindi dik l-opra ma kienitx tistħoqq ebda retribuzzjoni, id-dritt għal dana l-kumpens ma jarġax jitwieled minħabba l-fatt sussegwenti li, bit-tibdil ta' ċirkostanzi, daka l-ftehim seta' jiġri u ġie konkjuż bla ma l-atturi ndaħħlu jew almenu interessaw ruħhom li jindaħħlu b'xi mod biex isir hekk; non si tratta hawnhekk

ta' xi evażjoni tad-drittijiet leġittimi tagħhom fil-konklużjoni ta' ftehim mibdi minnhom, apparti li "ex admissis" dana l-bidu l-anqas ma eżista għaliex, kif intqal, kienet mingħajr indikazzjoni jekk hux b'kera jew b'ċens u dan jinfluwixxi wkoll fuq il-kumpens tal-medjatur. Kienet assolutament mankanti fil-każ preżenti dik l-attività li soltu jesplikaw dawna l-medjaturi, u ma jistax jiġi rikonoxxut kumpens għal xogħol li fl-aħħar mill-aħħar jirriduċi ruħu (u dana fl-aħjar ipotesi għall-atturi) fl-għoti ta' nformazzjoni li sid tal-post ikun dispost jasal f'xi ftehim dwar dana l-post b'tant kuljum;

Għal dawna l-motivi:—

Tiddeċiedi billi tiċħad id-domandi attriċi — bl-ispejjeż kontra l-atturi.